A.L. 155 ta' l-2007

ATT TA' L- 2007 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. IV TA' L-2007)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm10,000,000 5.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (L-EWWEL ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi awtorizza li l-ħruġ ta' Lm10,000,000 5.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 jiġi maħruġ kif ġej:-

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett. Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir kif hemm spjegat fil-prospett. Policy dwar l-allokazzjoni ta' Stock.

3. Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, għandha ssir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta. Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap.345.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* hi ta' Lm10,000,000. L-*Accountant General* jirriżerva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinħabar b'massimu ta' Lm10,000,000. Somma ta' flus li għandha tinħabar

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm 2.60,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fl-10 ta' Ġunju u fl-10 ta' Diċembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro rata relattiv għall-perjodu bejn it-28 ta' Ġunju, 2007 u l-10 ta' Dicembru, 2007 jsir fl-10 ta' Diċembru, 2007. Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fl-10 ta' Gunju, 2020. Fidwa ta' Stock